Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/1908

8.7.2024

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2024/1908

## tal-4 ta' Lulju 2024

## dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għall-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja (EUTM Somalia) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2023/615 (EUTM Somalia/2/2024)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/96/PESK tal-15 ta' Frar 2010 dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tagħha,

Billi:

(1) Fil-15 ta' Frar 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/96/PESK, li stabbilixxiet missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja (EUTM Somalia).

(2) Skont l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni 2010/96/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) għandu jeżerċita l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-EUTM Somalia, u huwa awtorizzat mill-Kunsill biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti skont l-Artikolu 38 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, inkluż id-deċiżjonijiet dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għall-EUTM Somalia.

(3) Fl-14 ta' Marzu 2023, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/615 ([2]), li taħtar lill-Brigadier Ġeneral Fulvio POLI bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għall-EUTM Somalia mit-23 ta' Marzu 2023.

(4) Fis-17 ta' Mejju 2024, l-awtoritajiet militari Taljani pproponew il-ħatra tal-Brigadier Ġeneral Giuseppe ZIZZARI biex jieħu post il-Brigadier Ġeneral Fulvio POLI bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għall-EUTM Somalia (il-"ħatra proposta").

(5) Fl-4 ta' Ġunju 2024, il-Kumitat Militari tal-UE appoġġa l-ħatra proposta u qabel li l-KPS jaħtar lill-Brigadier Ġeneral Giuseppe ZIZZARI bħala Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għall-EUTM Somalia mill-11 ta' Lulju 2024.

(6) Jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni dwar il-ħatra tal-Brigadier Ġeneral Giuseppe ZIZZARI bħala Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għall-EUTM Somalia.

(7) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2023/615 titħassar,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Brigadier Ġeneral Giuseppe ZIZZARI huwa b'dan maħtur bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għall-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja (EUTM Somalia) mil-11 ta' Lulju 2024.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni (PESK) 2023/615 hija b'dan imħassra.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Lulju 2024.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Lulju 2024.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

D. PRONK

([1]) ĠU L 44, 19.2.2010, p. 16.
([2]) ĠU L 80, 20.3.2023, p. 94.